VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 38 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq id-Dħul)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikoli 2 u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq id-Dħul), u dawn ir-regoli għandhom jinqaraw u jinfthiemu ħaġa waħda mar-Regoli tal-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq id-Dħul), hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.101

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2018.

Jemenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala r-regola 3(1); u

(2) minnufih wara s-subregola (1) tar-regola 3 tar-regoli prinċipali, għandha tiżdied din is-subregola ġdida li ġejja:

"(2) Meta l-profitti ta' kumpannija huma meħlusa mit-taxxa permezz tat-tnaqqis msemmi fil-paragrafu (o) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Att, jew xi regoli maħruga fit-termini ta' dak il-paragrafu, ammont li jikkorrispondi għal mija u għaxra fil-mija (110%) tal-ammont ta' profitti li huma meħlusa mit-taxxa għandhom jiġu allokati lill-kont tat-taxxa finali tal-kumpannija bil-mod kif ġej: Kap. 123

(a) ammont li jikkorrispondi għal mija fil-mija (100%) tal-ammont ta' profitti li huma meħlusa mit-taxxa għandhom jiġu allokati direttament lill-kont tat-taxxa finali (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-allokazzjoni diretta"); u

(b) ammont addizzjonali ta' allokazzjoni mill-ġdid ta' profitti li jikkorrispondi għal għaxra fil-mija (10%) tal-profitti meħlusa mit-taxxa, mill-kont tat-

VERŻJONI ELETTRONIKA

taxxa li fih kienu jiġu allokati l-imsemmija profitti meħlusa li kieku ma jittieħedx kont tad-dispożizzjonijiet ta' din is-subregola (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-allokazzjoni mill-ġdid addizzjonali"):

Iżda jekk l-ammont tal-allokazzjoni mill-ġdid addizzjonali jaqbeż il-profitti totali tal-intrapriża għas-sena bażi partikolari li, kieku ma jittieħedx kont ta' din is-subregola, kienu jiġu allokati lill-kont tat-taxxa li fih dawn il-profitti kienu xort'oħra jiġu allokati, kull eċċess bħal dan għandu jiġi injorat għall-finijiet tal-allokazzjoni mill-ġdid addizzjonali:

Iżda wkoll li:

(i) l-allokazzjoni mill-ġdid addizzjonali għandha ssir wara kull allokazzjoni mill-ġdid ta' kont tat-taxxa li meħtieġa ssir fit-termini tas-subregoli (4) u (7) tar-regola 5; u

(ii) l-allokazzjoni diretta u l-allokazzjoni mill-ġdid addizzjonali m'għandhomx isiru fir-rigward ta' imgħax meqjus mitlub bħala tnaqqis fit-termini tas-subregola (1) tar-regola 3 tar-Regoli dwar Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali kontra *income* ta' imgħax meqjus li jkun riċevut mill-azzjonist jew soċju tal-intrapriża fit-termini tar-regola 5 tar-Regoli dwar Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali.".

L.S. 123.176